MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

*Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy*

MALTA

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

*Directorate for Local Government, Strategy and Policy Implementation*

Ref. Tagħna: SPI/SCI/9/2021

**ĊIRKULARI NUMRU *SPI*/SCI/9/2021**

---

| | |
|---|---|
| Lis- | Sindki, Viċi Sindki,<br>Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi<br>Kunsilli Lokali |
| Lill- | Presidenti, Viċi Presidenti,<br>Membri u Segretarji Eżekuttivi<br>Kunsilli Reġjonali |
| Mingħand: | Id-Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* |
| Suġġett: | **Il-proċess u l-finanzjament ta' *Grant Schemes* lill-Kunsilli Reġjonali / Lokali** |
| Data: | 17 ta' Novembru 2021 |

---

## 1. Għan

1.1 L-għan ta' din iċ-ċirkulari huwa li tiggwida l-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali fir-rigward tal-operat ta' kif l-iskemi jiġu ppjanati, ffinanzjati u mplimentati b'mod aktar effettiv, sabiex il-Gvern Lokali jkun f'pożizzjoni li jilħaq u jissodisfa aktar il-ħtiġijiet tar-residenti fil-lokalitajiet li permezz tagħhom jgħola l-livell tal-kwalita' tal-ħajja ta' l-individwi.

## 2. Ir-Rwol tal-Gvern Lokali

2.1 Permezz tal-*Policy* u l-pilastri stabbiliti mill-Ministeru responsabbli għall-Gvern Lokali, id-Diviżjoni tistabbilixxi l-qafas li fih jiġu mfassla diversi skemi ta' finanzjament għall-Gvern Lokali.

2.2 Id-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*, fi ħdan l-istess Diviżjoni, jassisti lill-Ministeru fit-tfassil tal-programm ta' skemi għas-sena kurrenti, bl-għan ewlieni li jiġu ndirizzati l-pilastri u l-ħtiġijiet tal-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali sabiex ikunu f'posizzjoni aħjar biex ittejbu l-benessere tar-residenti tagħhom.

2.3 Il-*Grant Schemes* jinkludu l-għan u l-objettivi li hu mistenni li jintlaħqu bit-twettiq tal-proġetti u inizjattivi mill-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali.

## 3. Il-proċess kif għandu jiġi segwit

### 3.1 Stadju tal-Applikazzjoni

3.1.a Applikazzjonijiet għal *Grant Schemes* jintlaqgħu minn:

- Kunsill Lokali b'mod indipendenti;
- Numru ta' Kunsilli Lokali, bi sħab;
- Kunsilli Reġjonali għan-nom ta' diversi Kunsilli Lokali;
- Kunsill Reġjonali b'mod indipendenti;
- Jew kif tispeċifika l-iskema rispettiva;

3.1.b Il-Kunsilli Lokali, b'kollaborazzjoni u koordinazzjoni mal-Kunsilli Reġjonali, huma mistennija li jissottomettu proġetti/ inizjattivi innovattivi skont il-ħtieġa tal-lokalitajiet tagħhom u li jissarrfu f'livell ogħla u ta' kwalità tal-ħajja aħjar għar-residenti fil-lokalità;

3.1.ċ Applikazzjoni tkun ikkunsidrata **BISS** bħala eliġibbli meta din tkun:

- taderixxi mal-kundizzjonijiet marbuta u applikabli skont l-iskema;
- mibgħuta fuq il-formola apposta mehmuża ma' kull ċirkulari;
- tinkludi d-dokumenti mandatorji, hekk kif qed jiġi ndikat hawn taħt:
    - kopja tal-minuti ffirmati tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fejn ġiet approvata tali applikazzjoni, inkluż l-ispejjes li se jiġu ffinanzjati mill-Kunsill (jekk applikabbli). Tiġi wkoll aċċettata kopja tar-Riżoluzzjoni ffirmata fejn ġiet approvata din l-applikazzjoni dment li fi żmien

erbgħa (4) ġimgħat mid-data tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni jintbgħatu l-Minuti proprja ffirmati;

- dikjarazzjoni li l-ispejjeż elenkati fl-applikazzjoni, li qed jiġi mitlub il-finanzjament għalihom mhumiex iffinanzjati minn xi fondi oħra;
- dikjarazzjoni li l-Kunsill Reġjonali/Lokali (dejjem skond minn qed japplika) jinsab f'posizzjoni finanzjarja stabbli, u li kapaċi jonora l-obbligazzjonijiet proposti fl-applikazzjoni. Din id-dikjarazzjoni trid issir mill-Accountant tal-Kunsill Reġjonali/Lokali u tkun iffirmata wkoll mis-Sindku u s-Segretajru Eżekuttiv;
- Gantt Chart li jindika kif ix-xogħol fuq il-proġett propost ħa jiġi mplimentat fil-perjodu stipulat fl-iskema maħruġa;

Din il-lista ta' dokumenti mhux eżawrita u għaldaqstant, ma kull skema jiġu mitluba dokumenti oħra li jkunu neċessarji skond in-natura tal-iskema;

- iffirmata mill-President/Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Reġjonali/Lokali. Kull paġna tal-applikazzjoni u dokumenti mehmuża mal-applikazzjoni jridu wkoll jiġu nnizjalati;
- sottomessa fil-ħin sad-data tal-għeluq kif indikat fl-iskema;
- sottomessa lid-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* u kkupjati il-Kunsilli Reġjonali rispettivi, jekk ma jkunx indikat mod ieħor;
- mibgħuta permezz ta' imejl fuq l-indirizz elettroniku **skemi.dlg@gov.mt**

3.1.d F'kull skema maħruġa jiġi ndikat l-ammont massimu li kull Kunsill eliġibbli jista' jiġi allokat. Dan għandu jigwida Kunsill Reġjonali/Lokali fl-ipjannar tal-applikazzjoni. Għaldaqstant, jekk il-proġett propost fl-applikazzjoni huwa parti minn proġett akbar, għandu jiġi ndikat l-proġett speċifiku għall-iskema partikolari, nkluż il-finanzjament mitlub li jilħaq l-objettivi u l-kriterji ta' l-iskema;

3.1.e Jekk mhux indikat mod ieħor jiġi aċċettat biss proġett wieħed u applikazzjoni waħda għal kull skema li toħroġ.

## 3.2 Stadju tal-Evalwazzjoni

3.2.a L-applikazzjonijiet jiġu evalwati minn Bord tal-Evalwazzjoni maħtur mis-Segretarju Permanenti li jkun jinkludi persuna/persuni tekniċi hekk kif inhu meħtieġ,, li ġejjin mis-settur relevanti għal-iskema, u ndipendenti minn dan id-Direttorat.

3.2.b L-evalwazzjoni tinkludi tlett stadji kif ġej:

3.2.b.i L-verifikazzjoni tad-dokumenti hekk kif mitluba fl-iskema (kif indikat f'Artiklu 3.1.ċ);

3.2.b.ii L-evalwazzjoni tal-proġetti proposti abbażi tal-għan u l-objettivi tal-istess skema;

3.2.b.iii Hekk kif tiġi kkonfermata l-eliġibilità ta' kull applikazzjoni jiġu allokati l-marki skond il-kriterji stabbiliti fl-iskema;

3.3.ċ Wara li kull applikazzjoni tkun ġiet ivvetjata, l-Kunsill Reġjonali / Lokali, skont kif applikabli, jiġi infurmat dwar l-eżitu permezz ta' email uffiċjali mid-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*.

## 3.3 Il-Finanzjament

3.3.a Kull Kunsill Reġjonali/Lokali li jinstab eliġibbli għall-finanzjament jiġi mitlub li jiffirma Ftehim ta' Impenn mad-Direttorat li jkun jinkludi kemm l-ammont ta' fondi li jkun ser jiġi mogħti, kif ukoll il-kundizzjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-proġett;

3.3.b Il-finanzjament jew parti minnu jista' jiġi mogħti bil-quddiem jew wara li jiġi implimentat il-proġett/inizjattiva. Din hija biss prerogattiva ta' dan id-Direttorat;

3.3.ċ Fejn il-finanzjament jiġi mogħti bil-quddiem, u jirriżulta li Kunsill Reġjonali/Lokali:

- ma wettaqx ix-xogħlijiet indikati fl-applikazzjoni, jew
- għal xi raġuni ma jkunux nefqu l-finanzjament allokat;

il-Kunsill Reġjonali/Lokali jkollu/jkollhom iroddu lura lid-Direttorat l-ammonti mħallsa, u fin-nuqqas ta' dan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, kif jidhrilha xieraq, tnaqqas tali ammont mill-allokazzjoni finanzjarja mogħtija lill-Kunsill Reġjonali/Lokali mid-Diviżjoni skont l-Artiklu 55 tal-Att dwar Gvern Lokali, jekk ma jkunx hemm xi direzzjoni oħra dwar dan.

## 3.4 Il-fażi ta' Implimentazzjoni u Monitoraġġ

3.4.a Id-Direttorat ser ikun qed jissorvelja il-proġetti/inizjattivi ffinanzjati mill-Grant Schemes bil- kordinazzjoni mal-Kunsilli Reġjonali permezz ta':

- Gantt Chart li tiġi sottomessa ma' kull applikazzjoni li għandha tinkludi deskrizzjoni tal-proġett/inizjattiva, minn hu responsabbli ta' tali proġett, l-ispejjeż u l-pjan dwar l-implimentazzjoni tal-proġett;
- Rapport ta' Proġress li għandu jiġi sottomess kull tlett xhur lil dan id-Direttorat, rigward l-implimentazzjoni tal-proġetti/inizjattivi li qed jiġu mwettqa mill-Kunsilli Lokali fi ħdanu. Dan ir-rapport għandu jiddikjara l-istat attwali tax-xogħolijiet, inkluż ukoll x'ser ikun qed isir fix-xhur ta' wara u jintbgħat fuq l-inidirizz eletroniku **skemi.dlg@gov.mt**;

3.4.b Fl-iventwalità li:

- id-data ta' tmiem tal-proġett ma tkunx tista' tiġi onorata minn xi Kunsill Reġjonali/Lokali;
- jirriżultaw xi tibdiliet fil-proġett/inizjattivà;

il-Kunsill Reġjonali għandu jinforma lid-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* b'dan u jagħti raġuni valida' għalfejn il-Kunsill Lokali qed jiddikjara hekk. Dan għandu biss isir wara li jkunu ġew esplorati soluzzjonijiet jew rimedji biex il-proġett jiġi implimentat. Id-deċiżjoni finali dwar jekk it-talba tiġix aċċettata hi biss ta' dan id-Direttorat;

3.4.ċ Mal-konklużjoni ta' proġett/inizjattivà, kull Kunsill Reġjonali/Lokali għandu jissottometti r-rapport finali u t-talba għar-rimborż, flimkien mad-dokumenti mitluba u stipulati fil-Ftehim ta' Impenn, lil dan id-Direttorat permezz ta' imejl fuq l-indirizz elettroniku **skemi.dlg@gov.mt**;

3.4.d Wara li jiġu vverifikati dawn it-talbiet, id-Direttorat ikun jista' jgħaddi r-rimborż.

**Marisa Pisani (iffirmata)**

Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*